MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 278/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marco Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marco Pace talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Jannar 1999 u matul dawn l-ahhar 10 snin qabel din id-data:

(1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina u eroina, specifikati fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u

minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) fl-istess data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina u eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) sar recidiv b’diversi sentenza tal-Qrati tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti ntalbet ukoll biex minbarra l-piena stabbilita mil-ligi tordna lill-imsemmi Marco Pace jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 22(2) ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligjiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-

Kap. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap. 101, sabet lill-imsemmi Marco Pace hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda izda ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni u lliberatu minnha, u kkundannatu ghal piena ta’ sitt xhur prigunerija u multa ta’ €467 pagabbli f’pagamenti ta’ €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba’ gimghat mid-data tas-sentenza appellata u jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc jithallas f’daqqa filwaqt li jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux. Peress li ma tqabbdux esperti, l-ewwel Qorti ddikjarat li ma kinitx qed tapplika l-artikolu 533 tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Marco Pace pprezentat fil-15 ta’ Ottubru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet, u tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tielet imputazzjoni, b’hekk jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) dwar l-ewwel imputazzjoni, l-ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal decizjoni ta’ htija fuq il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni peress illi Carmelo Muscat qatt ma identifika lill-appellant bhala l-persuna li minghandha kien xtara d-droga u, bla pregudizzju ghal din is-sottomissjoni, l-ewwel Qorti dehrilha li setghet tistrieh fuq l-istqarrija guramentata ta’ Carmelo Muscat u tiskarta ghal kollox ix-xiehda ta’ Dr. Peter Muscat; (2) dwar it-tieni imputazzjoni, ma jaqbilx ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti li din tirrizulta mill-istqarrija ta’ l-appellant peress illi dak li jammetti hu li darba kellu problema ta’ droga pero` ma jirrizultax iz-zmien.

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni l-appellant jghid illi kull ma ghamel Carmelo Muscat fl-istqarrija tieghu kien li ta deskrizzjoni ta' certu Marco il-Pinzell li joqghod Hal-Qormi izda ma identifikax il-persuna permezz ta' ritratti jew *identification parade*. Anke meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, Muscat ma identifikax lill-appellant bhala l-persuna msemmija fl-istqarrija, jew bhala l-persuna li xtara minghandha.

L-ewwel nett din il-Qorti ma taqbilx li ma saritx identifikazzjoni peress illi mix-xiehda li Carmelo Muscat ta quddiem l-ewwel Qorti tirrizulta proprju tali identifikazzjoni:

**"Pros: Lil dan Marco Pace, hares naqra madwarek, taghrfu hawn gew?**

**Xhud: It-tnejn minn Hal-Qormi jista' jkun.**

**Pros:Sur Muscat jekk joghgbok ghamiltlek domanda semplici u diretta, wegibni. Hares madwarek u ara jekk tarahx lil dan Marco Pace li ssemma fl-istatement li rrilaxxjajt.**

**Qorti: Taghrfu jew ma taghrfux? Qieghed fl-awla dan Marco Pace?**

**Xhud: Qas jista' jkun ma tafux hux.**

**Qorti: Qed taghrfu? Iva jew le.**

**Xhud: Naghrfu iva."**

Mela ma hemm l-ebda dubju illi Carmelo Muscat gharaf lill-appellant Marco Pace prezenti fl-awla quddiem l-ewwel Qorti bhala l-istess Marco li semma fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija u li kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Barra minn hekk, fl-istqarrija tieghu Carmelo Muscat jirreferi ghal dan Marco bhala Marco il-Pinzell. L-appellant fl-istqarrija tieghu jghid li l-laqam tieghu huwa "il-Pinzell" u jafferma li kien jaf lil Carmelo Muscat. Ghalhekk li jrid jigi deciz huwa jekk hux minnu dak li sostna Carmelo Muscat fl-istqarrija tieghu li huwa kien jixtri l-kokaina minghand l-appellant.

Issa, quddiem l-ewwel Qorti Carmelo Muscat cahad li xtara minghand l-appellant. Naturalment l-ewwel Qorti kienet f'posizzjoni li tara u tisma' x-xhieda u ghalhekk setghet taghmel evalwazzjoni a bazi anke tal-

komportament taghhom waqt li qeghdin jixhdu. Difatti l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet dwar Carmelo Muscat li “mill-mod kif gab ruhu kien jidher car li dan ma riedx jixhed.” Ghalkemm din il-Qorti ma ratx u ma semghetx lil Muscat jixhed, xorta setghet tinduna mir-risposti li ta ghad-diversi mistoqsijiet li sarulu illi kien reticenti hafna, illi pprova jevita kemm seta’ u sa fejn seta’ l-mistoqsijiet li kienu qeghdin isirulu. Pero` kkonferma dak li qal fl-istqarrija li fil-gurnata in kwistjoni kien ma’ l-appellant fil-karozza u li hu nizel mill-karozza u mar f’nofs ghalqa ghax haseb hazin fl-appellant li kien qed jilaghbu mal-Pulizija.

Issa, jirrizulta illi Carmelo Muscat gie ezaminat mill-psikjatra Dr. Peter Muscat f’nofs Jannar 1999, mela wara li Muscat kien irrilaxxja l-istqarrija tieghu. L-appellant jirreferi ghax-xiehda li ta Dr. Peter Muscat quddiem l-ewwel Qorti u jsostni illi a bazi ta’ dik ix-xiehda wiehed ma jistax jistrieh sal-grad ta’ konvinciment morali fuq ix-xiehda ta’ Carmelo Muscat quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Effettivament Dr. Peter Muscat xehed illi sab li Carmelo Muscat kien qed ibati minn stat ta’ paranoia. Kien qed jemmen li kien qed jigi segwit. Beda jissuspetta hazin f’hafna nies madwaru, inkluz lit-tfajla tieghu ta’ dak iz-zmien. Kellu wkoll allucinazzjonjiet vizwali kif ukoll kien ghaddej minn stat ta’ eccitament qawwi minhabba din il-biza’ kollha li kien qed jghaddi minnha. Qal li l-paranoia mhix xi haga li tigi f’daqqa wahda u l-probabbilita` li kien diga` qed ibati minnha gimgha qabel. Qal ukoll li ma setax jeskludi li kien qed jghid l-verita` fis-7 ta’ Jannar 1999 pero` hemm probabbilita` kbira illi jekk hu dak il-hin kien paranoiku, jigifieri l-istat tieghu kien disturbat, allura seta’ gerfex f’dak illi qal peress li hu kien qed jemmen li kien qed jigi segwit u kien hemm xi *frame-up* u allura jista’ jkun li jkun rrelata xi haga li ma kinitx minnha.

Din il-Qorti mhijiex tal-fehma illi b’daqshekk ghandha tiskarta l-istqarrija guramentata ta’ Carmelo Muscat. Dr. Peter Muscat stess jghid illi ma rax lil Carmelo Muscat fis-7 ta’ Jannar 1999 u ma kienx prezenti ghall-istqarrija tieghu. Hija stqarrija li, ghalkemm turi certu agir disturbat minhabba l-biza’ kbira li kellu Muscat li l-appellant kien

qieghed jilaghbu mal-Pulizija, hija dettaljata u specifika anke dwar it-tip ta' droga li jammetti li kien qieghed juza (kokaina) u specifika wkoll dwar minghand min kien jakkwistaha (Marco l-Pinzell) u kemm kien ilu hekk jakkwistaha (madwar il-bidu tas-sena). F'dar-rigward huwa importanti dak li xehed Dr. Peter Muscat: "Meta jiena ndagajt izjed x'seta' wassal ghal dan l-istat mentali disturbat, kien jidher car illi kien ikkagunat minn droga u li wkoll kien ammetta mieghi li kien ha xi drogi li effettwawlu l-istat mentali tieghu u din id-droga kienet il-kokaina. Il-kokaina tista' tirrizulta li persuna ssir *paranoid* u tista' tirrizulta wkoll imbaghad fl-imgieba disturbata kif irrakkuntajt u kif kien gie fl-istat dawk iz-zminijiet."

Ghalhekk meta jitqiesu l-istqarrija dettaljata ta' l-appellant u, b'kuntrast, il-mod kif beda jaghzel x'iwiegeb quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll il-fatt li d-droga li originarjament qal li kien qieghed jakkwista minghand l-appellant, cioe` l-kokaina, hija droga li tista' twassal ghall-istat li sabu fih il-psikjatra meta ezaminah, din il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-veracita` ta' dak li qal Carmelo Muscat fl-istqarrija guramentata tieghu. Kwindi l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pero` biss, kif qalet l-ewwel Qorti, ghas-sena 1999, u cioe` s-7 ta' Jannar 1999 u l-gimgha ta' qabel. Nonostante dan, l-appellant instab hati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta. Barra minn hekk, filwaqt illi l-appellant gie akkuzat permezz ta' l-ewwel imputazzjoni bi traffikar kemm ta' kokaina kif ukoll ta' eroina, ma hemm l-ebda prova illi huwa ttraffika l-eroina. Ghalhekk dan irid jigi rispekkjat fid-decizjoni finali.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet illi din hija ppruvata mill-istqarrija ta' l-appellant. Jghid illi ma hemm ebda ammissjoni ta' pussess mhux ghall-uzu personali, m'hemm ebda data specifika indikata ghal tali pussess hlief dik ta' meta kellu hmistax-il sena u jekk wiehed kellu jiehu l-eta` ta' hmistax-il sena, l-akkuza hi preskritta.

Qabel xejn din il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi fl-imputazzjoni l-appellant gie akkuzat b'"pussess semplici", fis-sentenza appellata t-tieni imputazzjoni hi maghmula f'termini ta' "pussess aggravat" billi gew mizjuda l-kliem "liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu". Naturalment hadd ma jista' jinstab hati ta' reat aktar gravi minn dak li bih ikun gie akkuzat.

Issa, fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid hekk: "Jien gieli hadt xi kokaina jew eroina u kont nixtri ghalija personali. Dan ilu minn qabel ma dhalt il-habs u jien minn dejjem ridt li naqta' ghax ghandi mara u tlett itfal. Jien dhalt il-habs fin-1999 u jien kont niehu d-droga eroina u kokaina qabel jigifieri minn mindu kelli hmistax-il sena. Jien kont ghamilt programm biex nieqaf mid-droga u ghamilt xi zmien wieqaf ukoll." Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li l-imputazzjoni tirrizulta peress illi l-appellant ma jghidx illi kien jiehu meta kellu hmistax-il sena izda li kien jiehu "minn mindu" kellu hmistax-il sena sakemm dahal il-habs fl-1999. Huwa veru li jghid li ghamel programm u ghamel "xi" zmien wieqaf, izda ma jaghti l-ebda indikazzjoni ta' liema zmien u ta' kemm zmien, u certament il-kelma "xi" ma tistax tigi interpretata bhala li tkopri perijodu ta' ghaxar snin. Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi respint.

Dwar il-piena, din hija fil-minimu possibbli u ma tistax titnaqqas aktar milli hi. B'hekk ma jista' jkun hemm ebda temperament.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta u minflok issibu hati talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Jannar 1999 u l-gimgha ta' qabel forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikati fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna/i jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; tirrevokaha in kwantu l-ewwel Qorti sabitu hati ta’ “pussess aggravat” u minflok issibu hati ta’ “pussess semplici”, u cioe` talli f’dawn il-Gzejjer fis-7 ta’ Jannar 1999 u matul l-ahhar ghaxar snin qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina u eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; u tikkonfermaha fil-bqija, b’dan illi z-zmien ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------